

# Il-Menqa – San Pawl il-Baħar

Kitba ta' Keith Muscat

F'dan l-artiklu se nuża kliem mill-inqas. Se nħalli dawn ir-ritratt antiki jirrakkontaw l-istorja ta' kif San Pawl il-Baħar żviluppa tul is-snin. L-ewwel ritratt jeħodna lura lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin. Bħala punt fokali se nuża l-Menqa li hemm viċin il-Gillieru.

Dirgħajn il-Menqa kennija jipproteġu l-luzzijiet u l-opri tal-baħar mill-mewġ tal-baħar meta dan ikun qalil. Min se jipproteġi l-ambjent ta' San Pawl il-Baħar mill-ħalel bla rażan tal-progress qerried?



*Ritratt tax-xatt lejn l-aħħar snin tas-Seklu Dsatax. Ninnutaw li kien għadu ma bediex it-tqattiegħ tal-blat biex issir il-menqa. Fl-isfond jidher it-torri u ftit djar. Lanqas il-bini tal-knisja kien għadu ma tlesta.*



*It-tqattiegħ tal-blat biex issir il-menqa lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin. Ninnutaw iż-żieda fl-iżvilupp tal-bini, it-torri u l-kampnar tal-knisja l-ġdida li jidher fl-isfond.*



*Ritratt tal-inħawi li ttieħed fil-bidu tas-Seklu Għoxrin (c. 1905).*



*Il-menqa fis-snin tletin tas-Seklu Għoxrin. Ninnutaw il-fanal u s-Santwarju tal-Ħġejjeġ kif kien qabel iġġarraf fit-Tieni Gwerra Dinjija.*



*Il-menqa wara s-snin sittin tas-Seklu Għoxrin. Ninnutaw kif l-arbli tad-dawl ħadu post il-fanal tal-pitrolju u l-bini mill-ġdid tas-Santwarju tal-Ħġejjeġ.*



*Ritratt tal-Menqa meħud f'Mejju 2011. L-iżvilupp li sar madwar il-menqa jagħti xejra ġdida lill-inħawi. Il-bini għoli u modern jidher jiddomina fuq il-Menqa u s-Santwarju tal-Ħġejjeġ, l-uniku żewġ strutturi li ma nbidlux mis-snin sittin tas-Seklu Għoxrin.*



*Ritratt meħud f'Mejju 2011 li juri xena ta' San Pawl il-Baħar min-naħa tal-Menqa. Meta tqabbel dan ir-ritratt mal-oħrajn li juru l-istess xenarju taħseb li qed tara post differenti. It-Torri ta' San Pawl u l-kampnar tal-knisja, li kienu jiddominaw fuq l-inħawi issa jidhru żgħar ħdejn il-kostruzzjonijiet moderni. Post il-vilel u l-mezzanin ħaduh l-appartamenti. Dan huwa l-prezz li kellna nħallsu għall-progress... però t-tama hija l-aħħar li tmut. Is-siġar fi Triq San Ġelardu ġew skedati permezz ta' Avviż Nru 313 (Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Artiklu 46) maħruġ nhar is-17 ta' April 1998. M'iniex se nidħol fil-mertu ta' x'inhu l-isbaħ jew l-aħjar, se ngħid biss li l-ġenerazzjonijiet futuri se jiġġudikawna fuq dak li se nħallu warajna, sfortunatament f'dan il-każ ma tantx nistgħu ngħidu li se jkun hemm kummenti pożittivi għal kif biddilna l-estetika tal-madwar.*